VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,792, 2 ta' Ġunju, 2017
Taqsima B

A.L. 163 tal-2017

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2017 dwar il-Limitazzjoni tal-Emissjonijiet ta Ċertu Inkwinanti Atmosferiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2017 dwar il-Limitazzjoni tal-Emissjonijiet ta Ċertu Inkwinanti Atmosferiċi.

Għan.

2. Dawn ir-regolamenti jimplimentaw l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti:

Kap. 549

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi kif stabbilita fl-artikolu 6 tal-Att.

Jimplimenta l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2284

4. (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkompila l-inventarju nazzjonali tal-emissjonijiet u projezzjonijiet nazzjonali, l-inventarji nazzjonali ġeografikament disaggregati, l-inventarji ta' sorsi kbar puntiformi, rapporti dwar l-inventarju imsemmija fl-artikolu 8(1), (2) u (3) u fejn applikabbli fl-Artikolu 8(4) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tgħaddi l-inventarju nazzjonali tal-emissjonijiet u projezzjonijiet nazzjonali, l-inventarji nazzjonali ġeografikament disaggregati, l-inventarji ta' sorsi kbar puntiformi msemmija fis-subregolament (1) lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Agenzija Ewropea għall-Ambjent sad-dati mniżżla fl-Anness 1 tad-Direttiva(UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE, kif applikabbli.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li obbligi għar-rappurtaġġ msemmija fis-subregolament (1) ikunu konsistenti mar-rappurtaġġ lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfinali fuq Distanza Kbira tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE).